VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,977, 13 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L.120 tal-2018

ATT DWAR L-INTRAPRIZA TA' MALTA
(KAP. 463)

Regolamenti tal-2018 dwar Krediti ta' Taxxa għall-Appoġġ għall-Immodernizzar ta' Lukandi u Ristoranti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2018 dwar Krediti ta' Taxxa għall-Appoġġ għall-Immodernizzar ta' Lukandi u Ristoranti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att.

Għajnuna biex tappoġġja impriżi eliġibbli.

3. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-impriża hija impriża eliġibbli kif preskritt fil-Linji Gwida, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi assistenza lil dawn l-impriżi skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

4. Applikazzjonijiet għall-għajnuna biex tappoġġja intrapriżi eliġibbli taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa' mhux aktar tard mit-30 ta' Diċembru 2019.